# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 28 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors numru 530/2002 JA**

**H.S.B.C. Bank Malta p.l.c.**

**v.**

**Tal-Barrani Company Limited, Fenech Estates Company Limited (C – 3634), Michael Axisa Limited (C – 6664), Ludwig Camilleri, dawn l-aħħar tlieta bħala azzjonisti tas-soċjetà Tal-Barrani Company Limited**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-bank attur minn sentenza *in parte* mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ottubru, 2017 (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata"), fil-kawża fl-ismijiet premessi li

biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti sabet li l-prinċipju ta' "*ultra duplum*" fir-rigward tal-pretensjoni tal-imgħaxijiet miġmugħa jgħodd għal dan il-każ bir-riżultat li l-bank attur m'huwiex kreditur tal-kumpanija intimata appellata Tal-Barrani Company Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "TBC");

2. Fl-att li bih fetaħ il-kawża, il-bank attur (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") talab ix-xoljiment u l-istralċ ta' TBC għar-raġuni li ma kinitx f'qagħda li tħallas id-dejn li kien fadlilha miegħu bis-saħħa ta' faċilita` bankarja li ngħatatilha mill-appellant f'Awwissu tal-1984. L-imħarrkin l-oħrajn tħarrku bħala azzjonisti f'TBC. L-appellant irriżultalu, fost oħrajn, li TBC waqqfet l-attivitajiet kummerċjali tagħha u ma kinitx aktar f'qagħda li tħallas id-djun tagħha u għaldaqstant talab li l-ewwel Qorti taħtar amministratur proviżorju sabiex *pendente lite* jamministra l-assi ta' TBC; tordna x-xoljiment u l-istralċ ta' TBC skond l-Att dwar il-Kumpaniji[1]; issib li hemm raġunijiet tajba biżżejjed biex jiġġustifikaw ix-xoljiment u l-istralċ tagħha; u tordna l-ħatra ta' stralċjarju u jsir l-istralċ kif imiss;

3. Illi permezz ta' Nota, l-imħarrkin l-oħrajn laqgħu billi qalu li jaderixxu għat-talbiet tal-bank appellant[2];

[1] Taħt l-art. 214 tal-Kap 386
[2] Paġ. 44 tal-proċess (Vol. 1)

4. Illi fit-Tweġiba tagħha TBC opponiet għat-talba tal-istralċ għal numru ta' raġunijiet li jissemmew fl-istess Tweġiba;

5. Illi permezz ta' degriet tal-24 ta' Marzu, 2004[3], l-ewwel Qorti ħatret lill-Avukat Louis Cassar Pulliċino bħala amministratur proviżorju ta' TBC, u aktar tard, fl-24 ta' Ottubru, 2005, ħatritu bħala stralċjarju tal-istess[4], u b'degriet tal-15 ta' Ottubru, 2019, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Kummerċ) issostitwiet lill-Avukat Cassar Pulliċino bir-Riċevitur Uffiċjali, l-Avukat Kevan Azzopardi[5];

6. Illi matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-ewwel Qorti tagħti deċiżjoni dwar il-ħlasijiet li saru lill-appellant u jekk il-bank appellant kienx tassew għadu kreditur ta' TBC;

7. Illi biex waslet għad-deċiżjoni tagħha fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Illi jirriżulta illi snin qabel ma nfetħu l-proċeduri ta' stralċ, preċiżament fis-27 ta' Diċembru 1988, il-Bank attriċi [ġja' Mid-Med Bank Ltd] kien beda proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **"Dr Eric Mamo noe vs Axisa noe"** [1320/1988AE], li fihom talab il-ħlas tal-ammonti dovuti. Għal diversi snin, dan l-istralċ baqa' għaddej b'mod parallel għal dawk il-proċeduri. Fl-2012 pero' l-Bank għażel illi jċedi dawk il-proċeduri u dana peress jissottometti (fol 1348):*
>
> > *"… u dan għaliex fi kwalunkwe każ, il-Qorti fil-kuntest ta' stralċ tista' tiddeċiedi dwar djun dovuti lill-kredituri tal-kumpannija in likwidazzjoni anke mingħajr talba speċifika għal dan."*

[3] Paġ. 69 tal-process (Vol. 1)
[4] Ara d-degriet ta' l-ewwel Qorti tal-24 ta' Ottubru, 2005, f'paġġ. 214 u 215 tal-proċess (Vol. 1)
[5] Paġġ. 1465 sa 1466 tal-proċess (Vol. 5)

*"Illi s-soċjeta' intimata, Fenech Estates Company Limited tissolleva f'dan ir-rigward illi (fol 1375):*

> *"Huwa rilevanti illi kien wara din is-seduta li l-Bank għoġbu jċedi l-kawża proprju meta l-provi dwar il-kreditu tiegħu kien fi stadju ferm avvanzat.*
>
> *Dawn il-fatti jitkellmu waħedhom u kull kumment ieħor huwa superfluwu."*

*"Illi b'mod preliminari jiġi osservat illi t-talbiet tal-Bank attriċi ġew reżi kkumplikati ulterjorment stante illi:*

*"(i) fl-ewwel lok, jidher li l-ammont mitlub oriġinarjament mill-Bank ma kienx preċiż iżda l-Bank jissottometti (fol 1354):*

> *"Illi, fl-aħħar mill-aħħar, dan ma jbiddilx bil-wisq il-pretensjonijiet tal-Bank. Tenut kont illi l-Bank kellu l-jedd li jikkapitalizza l-imgħaxijiet fid-data tal-call in, dan ifisser illi fil-mument tal-call in (29 ta' Jannar, 1987), l-ammont dovut fl-overdraft account kien anqas milli indikat fiċ-ċitazzjoni [1320/1988], pero' min-naħa l-oħra l-imgħaxijiet fuq il-loan account kienu ogħla milli oriġinarjament imsemmi fiċ-ċitazzjoni għar-raġunijiet li ġew spjegati."*

*"(ii) imbagħad il-Bank jissolleva li l-Qorti għandha quddiemha żewġ (2) kalkoli differenti (fol 1355):*

> - *"jekk tiddeċiedi illi tqis id-29 ta' Jannar 1987 bħala call in date tista' tagħmel referenza għall-istatement fuq imsemmi Dok 'BB8';*
>
> - *filwaqt illi jekk tqis bħala call in date it-23 ta' Settembru 1988 (kif premess fiċ-ċitazzjoni 1320/1988) għandha ssir referenza għall-istatement aġġornat esebit mal-affidavit ta' Dr Eric Mamo tat-30 ta' April 2014 li huwa msejjes fuq kapital mitlub fiċ-ċitazzjoni 1320/1988 – skont dan il-kalkolu, il-kapital oriġinarjament dovut kien ta' Lm264,528 (€616,184.49) b'dan illi fid-data tal-aħħar pagament akkont, il-bilanċ tal-kapital li għadu dovut huwa ta' €64,209."*

*"Illi s-soċjeta' intimata, Fenech Estates Limited tirribatti billi tissottometti (fol 1376):*

> *"Fin-nota ta' osservazzjonijiet il-Bank qed jirrefri għall-ammont ta' €84,528 bħala bilanċ dovut fuq l-overdraft accounts. Dan l-ammont mhuwiex korrett u fil-fatt ma jikkombaċjax mal-informazzjoni riżultanti a fol 594.*

*"Illi apparti dan, il-Bank qed isostni illi l-call in date m'għandhiex tkun 29 ta' Jannar 1987 iżda għandha tkun 23 ta' Settembru 1988.*

*"F'dan ir-rigward l-esponenti jissottometti illi mill-provi prodotti anke dik mogħtija viva voce quddiem din l-Onorabbli Qorti jirriżulta illi d-data korretta tal-call in kienet 29 ta' Jannar 1987 u mhux dik tas-sena 1988."*

*"Minn 1988 'il quddiem il-Bank attriċi jagħraf li kienu saru tlett (3) pagament sostanzjali (fol 1356):*

*"(i). Fit-13 ta' Jannar, 2003, b'kuntratt atti Nutar Dr Carmelo Mangion Lay Lay Company Limited u ċertu Pio Camilleri ħallsu s-somma ta' Lm145,000 kull wieħed (total ta' Lm290,000) akkont. Dan il-ħlas jagħmel referenza għalih ukoll Michael Axisa fl-affidavit ippreżentat minnu fit-2 ta' Ġunju 2014.*

*"(ii). Fit-12 t' Ottubru, 2007, b'kuntratt atti Nutar Dr Malcolm Licari, Fenech Estates Limited, azzjonista u garanti ta' Tal-Barrani Company Limited, għamlet ħlas ta' €463,617.51 akkont tal-ammonti dovut minn Tal-Barrani Company.*

*"(iii). Fit-3 ta' Lulju 2009, l-istralċjarju bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti għamel pagament interim lill-Bank H.S.B.C. ta' €395,993.47 wara l-bejgħ ta' art proprjeta' ta' Tal-Barrani Company Limited.*

*"Illi f'dan ir-rigward, l-oġġezzjonijiet ta' Fenech Estates Limited skont il-Bank attriċi huma s-segwenti (fol 1356):*

*"(i) min-naħa qed tikkontesta t-tħaddim tal-kont sad-data tal-intavolar taċ-ċitazzjoni 1320/1988. Din il-kwistjoni ġja' ġiet indirizzata aktar kmieni f'din in-nota u a skans ta' ripetizzjoni ssir referenza għall-argument ġja' mressqa. Il-Bank jissottometti illi, fl-agħar ipotesi, jekk jitqies illi l-call in seħħ f'Jannar 1987 (u mhux Settembru 1988) il-bilanċ tal-kapital dovut lilu wara l-pagament tat-3 ta' Lulju 2009 jista' jkun ftit anqas milli dak pretiż (€53,870.71 flok €64,209). Dan pero' ma jbiddilx sostanzjalment il-pożizzjoni tal-Bank.*

*"(ii) argument ieħor li tqajjem minn Fenech Estates Limited jirreferi għall-kunċett ta' ultra duplum. Fin-nota/rikors tagħhom tas-7 ta' Novembru, 2013 huma għamlu kalkolu sempliċi u rraġunaw illi jekk l-ammont dovut fid-data tal-call in kien jammonta għal Lm225,672.77, il-Bank seta' jitħallas massimu ta' Lm451,345. Huma jsostnu illi l-Bank s'issa tħallas l-ammont ta' Lm664,539.76 (fatt li, għandu jingħad, mhux qed jiġi kontestat) li jfisser li 'kien hemm ammont eċċessiv ta' Lm213,194.41 li huwa ekwivalenti għal €496,609.39.' Dan il-punt ġie ndirizzat fir-risposta tal-Bank esponenti tat-30 ta' Diċembru 2014 illi, għal kull buon fini, sejrin jitressqu mill-ġdid sottomissjonijiet dwar dan il-punt."*

*"Illi l-argument iżda tas-soċjeta' intimata, Fenech Estates Limited, jmur oltre u din tisħaq illi fil-fatt sar "over-payment" favur il-Bank, u għaldaqstant il-Bank huwa debitur (fol 1377):*

> *"Illi għalhekk saru ħlasijiet **b'total ta' Lm 664,539.76 ekwivalenti għal €1,547,961.20** – fid-dawl tal-premess jidher ċar għalhekk illi kien hemm overpayment u dan l-overpayment kien in kwantu għal parti meta sar il-ħlas minn Fenech Estates fis-17 ta' Ottubru 2007 u apparti dan, l-ammont kollu mħallas minn Dr Louis Cassar Pullicino fit-3 ta' Lulju 2009 ma kienx dovut."*

*"Illi l-Bank stess qed jirrikonoxxi li saru dawn il-pagamenti (fol 1357):*

> *"Huma jsostnu illi l-bank s'issa tħallas ammont ta' Lm664,539.76 (fatt li, għandu jingħand, mhux qed jiġi kontestat) li jfisser li 'kien hemm ammont eċċessiv ta' Lm213,194.41 li huma ekwivalenti għal €496,609.31."*

*"Illi l-argument tal-partijiet imbagħad jipproċedi biex jiġi diskuss l-applikabilta' o meno tal-ultra duplum għal komputazzjoni tal-ammont dovut. Fil-qosor il-Bank attriċi jagħmel dawn il-punti saljenti fuq dan il-prinċipju (fol 1358):*

> *"Illi dawn is-sottomissjonijet ma jxejnu xejn u qegħdin jsiru mingħajr rinunzja għall-pożizzjoni ġuridika li kwalunkwe talba għall-rifużjoni hija semmai preskritta ai termini tal-Artikolu 1027 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *"F'dan ir-rigward, l-esponenti ma jistax ma jinnutax illi fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri kien biss fl-2013, aktar minn ħdax-il sena mill-bidu tal-proċeduri ta' stralċ, li Fenech Estates Limited ħolmot illi l-Bank tħallas imgħax illi jeċċedi l-kapital u li dan huwa kontra l-liġi.*
>
> *…*
>
> *"B'mod partikolari jidher illi Fenech Estates Limited qegħdin sempliċement jippreżumu illi fil-liġi nostrana hija viġenti f'kull każ ir-regola tad-divjet tal-ultra duplum u li neċessarjament trid tiġi applikata f'dan il-każ. Dan ma hu minnu xejn – kemm għaliex l-liġi Maltija mkien ma timponi divjet fuq il-fatt illi l-interessi jeċċedu l-kapital kif ukoll għaliex, anke jekk f'xi ġurisprudenza dan il-prinċipju ġie rikonoxxut, ma kienx meqjus li japplika f'kuntest ta' dejn kummerċjali u wisq anqas fi tranżazzjonijiet bankarji."*

*"Illi jiġi sollevat dak li jissottometti l-istralċjarju, l-Avukat Dr Louis Cassar Pullicino fuq il-punt ta' preskrizzjoni (fol 1387):*

> *"Isegwi għalhekk illi l-pożizzjoni meħuda minn Tal-Barrani Co. Ltd f'dawk il-proċeduri u senjatament bin-nota tal-eċċezzjonijiet minnha avvanzata u sakemm dawk il-proċeduri baqgħu pendenti qabel ma ġew ċeduti mill-Bank, għandha sservi sabiex tippreserva d-drittijiet tagħha għal kull rifużjoni u ċertament interrompiet kwalunkwe preskrizzjoni applikabbli."*

*"Illi l-Bank jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-prinċipju ta' ultra duplum u jikkonkludi b'dan il-mod (fol 1361):*

> *"Illi mill-każistika joħroġ ukoll prinċipju ieħor differenti imma li wkoll huwa rilevanti għal din in-nota. Ġie stabbilit illi anke fejn, għall-argument, japplika l-prinċipju tad-divjet tal-ultra duplum, ir-regola li mgħax ma jistax jeċċedi l-kapital ċertament ma tapplikax għal imgħax inkors waqt litiġju."*

*"Illi l-Bank jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***"Bank of Valletta plc vs Bezzina Wettinger pro et noe"*** *deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Diċembru 2007, sabiex isostni l-argument tiegħu illi (fol 1362): "… ċertament id-divjet tal-ultra duplum ma japplikax fil-każ ta' overdraft."*

*"Illi fl-aħħarnett, il-Bank attriċi jissottometti (fol 1364):*

> *"Illi għalhekk, applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, jirriżulta illi imgħaxijiet li setgħu ddekorrew qabel il-call in ġew inkorporati fil-kapital skont il-liġi u għalhekk ma jistgħux jibqgħu jitqiesu bħala imgħaxijiet iżda bħala ħaġa waħda mill-kapital. Aktar minn hekk, id-debitur ma jistax jippretendi illi jibqa' ma jħallasx għaliex, skont hu, l-imgħaxijiet huma 'capped' għaliex b'hekk, kif intqal mill-Qorti fis-sentenza fuq ċitata, jkun addirittura qed jiġi ppremjat għan-nuqqasijiet tiegħu!"*

*"Illi s-soċjeta' intimata, Fenech Estates Limited tirribatti billi tissolleva illi (fol 1381):*

> *"Għalhekk fil-każ odjern huwa ċar u manifest illi ġaladarba sar il-call in, f'dak il-mument il-pożizzjoni ġiet kristalizzata u l-ammont kapitali kien l-ammont ta' kapital indikat fl-istatements relattivi.*
>
> *"Il-Bank qed jipprova jargumenta illi l-prinċipju tal-ultra duplum ma japplikax għall-overdraft iżda f'dan ir-rigward jiġi rilevat illi għalkemm tali argument jista' jkun minnu saż-żmien li l-overdraft ikun qed jitħaddem, mill-mument li tali overdraft jieqaf u jkun hemm call in ma jistax jingħad li hemm iktar overdraft u f'dak il-mument 'il quddiem id-debitu huwa loan normali.*
>
> *"Ma hemm ebda kapitalizzazzjoni ulterjuri mill-mument tal-call in 'il quddiem jekk dan ma jsirx permezz ta' sentenza sussegwenti jew permezz ta' kuntratt notarili.*
>
> *"Fil-każ odjern, ma ma kien hemm l-ebda sentenza u ebda kuntratt notarili minn Jannar 1987 'il quddiem u konsegwentement l-istampa ġiet kristalizzata f'dak il-mument tal-call in.*
>
> *"Ir-rikorrenti jagħmlu referenza għall-kawża ta' Bezzina Wettinger u Carmelo Farrugia Melfar. Il-fatti spece f'dawn*

*il-kawżi mhumiex l-istess. Għalkemm il-prinċipju tal-ultra duplum ġie ribadit u kkonfermat kemm mill-Qorti fill-prim istanza kif ukoll mill-Qorti tal-Appell f'dak li jirrigwarda loan ossia mutuo, il-Qrati għamluha ċara illi meta jkun hemm debitu riżultat ta' sentenza, allura tali prinċipju ma jibqax japplika iktar. F'dawk il-kawżi, il-kreditu kien ġja' determinat officio judicis kif ġja' ntqal aktar 'il fuq."*

*"L-esponenti mhumiex qed jikkontestaw l-interessi li ddekorrew qabel id-data tal-call in iżda qedgħin isostnu illi l-ultra duplum japplikaw għall-bilanċ li jseħħ mid-data tal-call in 'il quddiem."*

*"Illi inoltre, is-soċjeta' Fenech Estates Limited tissottometti illi l-Avviz Legali 142/2009 li għalih jagħmel referenza l-Banka attriċi (fol 1381) "… m'għandu l-ebda relevanza billi fil-mument li ġie in vigore, l-Bank kien ġja' mħallas, anzi kien overpaid, u huwa proprju l-Bank li għandu jħallas lil Tal-Barrani u mhux vice versa." Is-soċjeta' intimata, ulterjorment illi l-Avviż Legali sakemm il-kont ikun għadu qed jopera."*;

8. Fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata l-ewwel Qorti qalet kif ġej:

"***DEĊIŻJONI***

*"**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi illi:***

*"**1. Dwar il-fatt illi l-Bank attur kien fetaħ proċeduri – 1320/1988AE "Dr Eric Mamo nomine vs Axisa" – sabiex jiġi kanonizzat id-dejn tal-Bank u fi stadju avvanzat tal-proċeduri għazel li jċedi l-istess, peress li kien hemm proċeduri ta' stralċ appożiti – dwar il-fatt fih innifsu illi ġiet ċeduta, ma jwassalx għall-konklużjoni illi l-Bank attur ma kienx verament kreditur, kif donnu trid timplika s-soċjeta' intimata. Iżda xorta waħda dan il-fatt ser jitqies mal-assjem tal-fatti l-oħra tal-każ odjern.***

*"**2. Din il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi (id-data) tal-'call in' hija dik tad-29 ta' Jannar 1987 u dan in vista tal-fatt li lanqas il-Bank attur stess ma kien ċert u sussegwentement għażel li jbiddel id-data għal waħda aktar favorevoli għalih. Mhuwiex kontestat illi saru pagamenti sostanzjali mis-soċjetajiet intimati favur l-Bank – u dan huwa fatt importanti għal mod ta' kif għandhom jiġu evalwati l-fatti tal-każ.***

*"**3. Dwar l-argument tal-preskrizzjoni mressaq mill-Bank attur jiġi rilevat illi din il-Qorti taqbel mal-argumenti magħmula mill-istralċjarju, Dr Louis Cassar Pullicino (ċitati aktar 'il fuq) illi l-***

*prekrizzjoni ġiet interotta. Il-pern tal-kwistjoni huwa jekk għandux japplika l-prinċipju ta' ultra duplum.*

*"4. B'mod preliminari jiġi rilevat illi r-referenza magħmula mill-Bank attur għall-Avviż Legali 142 tal-2009 mhijiex applikabbli għall-każ odjern in vista tal-fatt illi kif sewwa ssottomettiet is-soċjeta' intimata, il-Bank attur kien ġja' tħallas meta daħal in vigore l-imsemmi Avviż Legali u l-applikabbilta' tiegħu hija limitata għal tranżazzjonijiet bankjarji li għadhom qed jiġu operati.*

*"5. Is-soċjeta' intimata, Fenech Estates Limited tissottometti illi (fol 1380):*

> *"Illi fid-dawl tal-premess wieħed jrid jagħmel distinzjoni bejn loan u overdraft. Inoltre, jekk il-kont tal-overdraft jingħalaq, dan jitqies bħala debitu ordinarju u minn dak il-punctum temporis l-imgħax mhux imħallas li jakkumula ma jistax jeċċedi l-kapital."*

*"Inoltre ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet "Bank of Valletta plc vs Carmelo Farrugia Melfar Limited et", Appell 471/2001 deċiża fit-30 ta' Ottubru 2015 fejn inħolqot distinzjoni bejn krediti (fol 1380):*

> *"Dawn il-provvedimenti kienu jolqtu l-imgħaxijiet konvenzjonali, i.e. usurae in obligatione, u mhux usurae quae officio iudicis praestantur."*

*"Is-soċjeta' intimata tkompli billi tikkontendi dwar l-argumenti mressqa mill-Bank (fol 1381):*

> *"Ir-rikorrenti jagħmlu referenza għall-kawża ta' Bezzina Wettinger u Carmelo Farrugia Melfar. Il-fatti speċje f'dawn il-kawżi m'humiex l-istess. Għalkemm il-principju tal-ultra duplum ġie ribadit u kkonfermat kemm mill-Qorti fil-prim istanza kif ukoll mill-Qorti tal-Appell f'dak li jirrigwarda laon ossia mutuo, il-Qrati għamluha ċara illi meta jkun hemm debitu riżultat ta' sentenza, allura tali prinċipju ma jibqax japplika aktar. F'dawk il-kawżi, il-kreditu kien ġja' determinat officio judicis kif ġja' ntqal aktar 'il fuq.*
>
> *"L-esponenti m'humiex qed jikkontestaw l-interessi li ddekorrew qabel id-data tal-call in iżda qegħdin isostnu illi l-ultra duplum japplikaw għall-bilanċ li jseħħ mid-data tal-call in 'il quddiem."*

*"6. Skont il-fattispeċje partikolari tal-każ odjern jirriżulta illi fil-fatt il-prinċipju ta' "ultra duplum" japplika għall-każ odjern u għaldaqstant jirriżulta illi b'applikażżjoni tal-istess illi l-Bank attriċi mhuwiex kreditur.*";

9. Illi b'Rikors tal-Appell imressaq fl-24 ta' Ottubru, 2017, u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-appellant talab li din il-Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata safejn l-ewwel Qorti sabet li m'huwiex kreditur ta' TBC, u minflok issib li l-appellant huwa tabilħaqq kreditur ta' dik il-kumpanija u tillikwida s-somma kapitali dovuta lilu fl-ammont ta' erbgħa u sittin elf, mitejn u disa' ewro (€64,209) jew somma oħra skond kif din il-Qorti jirriżultalha, u li tgħaddi l-atti lura lill-ewwel Qorti għal-likwidazzjoni tal-ammont dovut lilu;

10. Illi permezz ta' Risposta tal-15 ta' Novembru, 2017, il-kumpanija konvenuta Michael Axisa Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "MAL") irrimettiet ruħha għall-ġudizzju ta' din il-Qorti;

11. Illi permezz ta' Risposta tal-31 ta' Ottubru, 2018, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpanija konvenuta Fenech Estates Company Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa "FECL") warrbet l-aggravji mressqa mill-appellant u talbet li, filwaqt li l-appell jiġi miċħud, is-sentenza appellata tiġi konfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

12. Rat l-atti kollha rilevanti tal-kawża;

13. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-5 ta' Novembru, 2020;

14. Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

15. Illi din hija azzjoni għax-xoljiment u l-istralċ ta' kumpanija taħt l-Artikolu 214 tal-Att dwar il-Kumpaniji. L-appellant jgħid li l-appellata TBC waqqfet l-attivitajiet kummerċjali tagħha u ma kinitx aktar f'qagħda li tħallas d-djun li għandha miegħu bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku li bih tatu faċilita` bankarja. B'dik l-azzjoni, l-appellant talab il-ħatra ta' amministratur proviżorju sabiex *pendente lite* jamministra l-assi ta' TBC, u filwaqt li ssib li hemm raġunijiet tajba biżżejjed biex jiġġustifikaw ix-xoljiment u l-istralċ tagħha, tordna l-ħatra ta' stralċjarju u jsir l-istralċ kif imiss;

16. Illi matul il-mixi tal-proċeduri ta' stralċ, għall-ħabta ta' Novembru 2013, qamet il-kwestjoni (minn FECL) tal-ħlasijiet li saru minn jew f'isem TBC u jekk dawn kinux telgħu biżżejjed biex jaqtgħu d-dejn imsemmi u jekk l-appellant kienx għadu tabilħaqq kreditur ta' TBC. Kien minħabba f'hekk li l-ewwel Qorti dehrilha[6] li kellha tagħti deċiżjoni dwar din il-ħaġa u dan sar fis-sentenza appellata. Bis-saħħa tagħha, l-ewwel Qorti sabet li l-appellant mhux talli m'huwiex kreditur ta' TBC, talli tħallas aktar minn

[6] Verbal tas-smigħ tat-3.2.2017, f'paġ. 1344 tal-proċess (Vol 5)

kemm kien jistħoqqlu, u dan wara li qieset li l-ħlasijiet imwettqa kienu joqtlu d-dejn u li l-prinċipju tal-"*ultra duplum*" dwar imgħax miġmugħ jgħodd għall-każ tallum;

17. Illi l-appellant ressaq **tliet aggravji** mis-sentenza appellata: l-ewwel, li l-ewwel Qorti ħaddmet il-prinċipju tal-"*ultra dumplum*" f'qafas ta' obbligazzjoni kummerċjali meta dak il-prinċipju jgħodd għal obbligazzjonijiet ċivili; it-tieni, li, ukoll kieku kellu jingħad li l-prinċipju jgħodd f'qafas kummerċjali, m'għandux jgħodd f'obbligazzjonijiet bankarji bħalma huwa l-każ li l-Qorti għandha quddiemha; u t-tielet, li l-ewwel Qorti iddeċidiet fuq ħaġa li ma kinetx intalbet tiddeċiedi dwarha meta għamlet osservazzjonijiet dwar il-mixi tal-preskrizzjoni, u li f'kull każ l-preskrizzjoni tgħodd;

18. Illi minħabba r-rabta li teżisti bejn **l-ewwel żewġ aggravji**, il-Qorti sejra tqishom flimkien. L-appellant jgħid li l-prinċipju tal-"*ultra duplum*" ma jgħoddx f'qafas kummerċjali bħalma huma ċ-ċirkostanzi tal-każ li għandna quddiemha. Dan jgħidu kemm għaliex il-prinċipju fuq imsemmi jgħodd biss f'qafas ta' djun ċivili, kif ukoll għaliex ma jgħoddx fejn l-imgħax ikun inġema' matul iż-żmien li jkun hemm proċeduri litiġjużi dwar il-kreditu kontestat, ladarba tali mgħax jieħu s-sura ta' danni għal dewmien fil-ħlas min-naħa tad-debitur. Jgħid wkoll li, f'kull każ u bla ħsara għal dak li għadu kemm ingħad, anke jekk għall-grazzja tal-argument kellu jiġi

aċċettat li l-prinċipju ta' "*ultra dumplum*" jista' jitħaddem f'qafas ta' obbligazzjonijiet kummerċjali, żgur li ma jgħoddx f'kuntest bankarju, aktar u aktar meta l-imgħaxijiet jirrigwardaw faċilita` ta' *overdraft*. F'dan ir-rigward, jislet distinzjoni bejn l-imgħaxijiet li laħqu nġemgħu qabel ma saret il-'*call in*' mill-appellant u dawk li nġemgħu wara dakinhar, u jisħaq li dawn m'għandhomx jitqiegħdu f'keffa waħda jew jitħaddem dwarhom l-istess prinċipju;

19. Illi l-appellata FEL tilqa' għal dawn l-aggravji billi tgħid li wara li saret il-'*call in*' mill-appellanti, l-ammont dovut ġie kristallizzat, u minn dak il-ħin 'il quddiem, ma jistax jingħad li hemm aktar *overdraft* iżda faċilita` ta' self (*loan*). Tgħid ukoll li, ladarba wara li saret il-'*call in*' ma kien hemm ebda sentenza jew ma sar ebda kuntratt notarili li jagħraf id-dejn, l-imgħax ma setax baqa' għaddej b'mod li jaqbeż il-kapital dovut dakinhar li saret is-sejħa għall-ħlas;

20. Illi l-kwestjoni li tolqot l-ewwel żewġ aggravji fl-aħħar mill-aħħar tinġabar fl-istħarriġ jekk il-prinċipju tal-"*ultra duplum*" dwar imgħaxijiet miġmugħa jiġix jgħodd wara li saret il-'*call in*' mill-bank appellant. F'dan l-istadju tal-kawża, ma jidhirx li tqajmet kontestazzjoni dwar id-data tal-'*call in*' kif determinata mill-ewwel Qorti fit-tieni paragrafu tal-parti deċiżiva tas-sentenza appellata (jiġifieri d-29 ta' Jannar 1987), dan minkejja li l-

appellant waqt proċeduri li nbdew qabel il-ftuħ ta' din il-kawża[7], kien qed jorbot il-'*call in*' ma' data[8] oħra minn dik li waslet għaliha l-ewwel Qorti;

21. Illi l-argument ta' FEL huwa li wara d-data tal-'*call in*', (i) l-appellant daħħal fil-prospetti tiegħu ammonti ta' mgħax miġmugħ li ma messhom qatt iddaħħlu ladarba l-faċilita` ma baqgħetx aktar waħda ta' *overdraft*; (ii) li l-prinċipju tal-"*ultra duplum*" jgħodd biss fuq l-ammont kapitali kif kristallizżat dakinhar tal-'*call in*' li huwa ferm anqas minn dak li qed jippretendi l-appellant; u (iii) u ladarba wara l-'*call in*' saru ħlasijiet lill-bank appellant, dawn kellhom jitnaqqsu mill-ammont kapitali fuq imsemmi, u li meta wieħed iqis x'ammont tħallas, għandu jsib li l-appellant tħallas kulma kien jistħoqqlu jitħallas u aktar minn hekk ukoll;

22. Illi l-Qorti tqis li l-faċilita` li ngħatat TBC mill-appellant kienet kemm waħda ta' self ("*loan*") kif ukoll oħra ta' *overdraft*. Jidher li l-partijiet waslu fi ftehim li l-*overdraft* kellu jintuża biex minnu jitħallas l-imgħax sempliċi li jkun iddekora fuq is-self;

23. Illi l-faċilita` ta' *overdraft* tiġbed fuqha karatteristiċi legali partikolari li kemm-il darba tfissru u ntwerew f'għadd ta' sentenzi tal-qrati tagħna. Fost dawn il-karatteristiċi, wieħed isib li faċilita` bħal dik imissha tingħaraf

[7] Ċit. Nru. 1320/1988AE li kienet ċeduta
[8] Dik tat-23 ta' Settembru, 1988

minn kuntratt ta' self għall-konsum jew mutwu[9]; fuq kollox, f'faċilita` ta' dik l-għamla, il-mod kif jinġama' u jinħadem l-imgħax huwa partikolari għan-natura tal-kont kurrenti[10];

24. Illi fil-każ tal-faċilita` tal-*overdraft*, ladarba ma huwiex l-istess bħall-kuntratt ta' mutwu, dan huwa regolat minn liġijiet u użanzi kummerċjali li jgħoddu għalih u għalhekk il-mod kif jinħadmu l-konteġġi ta' dak li jkun disponibbli lill-klijent u dak li jiżdied bħala mgħax fuq dik il-parti li l-klijent ikun inqeda biha bħala self huma regolati bi prattika stabilita mill-banek jew istituzzjonijiet finanzjarji aċċettati fid-dinja kollha. Il-qofol tal-imsemmi proċess hu li "*la darba tkun saret il-kapitalizżazzjoni ta' l-interessi skaduti, l-indoli ta' l-interessi f'dawk il-flus kapitalizżati, oġġett ta' l-obbligazzjoni, tispiċċa, u l-istess flus interessi kapitalizżati jsiru ma' kull kapitalizżazzjoni, kapital, u bħala tali jiġi kunsidrati għall-effetti ġuridiċi sakemm l-obbligazzjoni relativa ma testingwix ruħha*"[11];

25. Illi minħabba f'hekk, huwa meqjus li f'każijiet bħal dan ma jgħoddux ir-regoli li jinstabu fl-Artikoli 986(2), 1142 u 1850 tal-Kodiċi Ċivili għal dak li jirrigwardaw it-tħaddim tal-ogħla rati applikabbli ta' mgħax fuq self u wkoll dawk relattivi għal meta u kif jista' jintalab imgħax fuq imgħax. Huwa minnu wkoll li llum il-Kodiċi Ċivili nnifsu, f'dak li jirrigwarda l-

---

[9] Art. 1842 tal-Kap 16

[10] Għall-pożizzjoni fil-liġi ingliża ara E.P. Ellinger, E.Z. Lomnicka, R.J.A. Hooley _Ellinger's Modern Banking Law_ (5th Edit, 2011), f'paġġ. 762 – 3

[11] P.A. **30.4.1947** fil-kawża fl-ismijiet ***Vassallo noe vs Ballucci*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.64**)

Obbligazzjonijiet in Ġenerali (Titolu IV tat-Tieni Ktieb) u l-kuntratt ta' Mutwu (Titolu XVII tat-Tieni Ktieb) jidher li qiegħed jerħi mill-qawwa tar-rabta tar-regoli ċivili wkoll dwar it-tħaddim tal-imgħaxijiet[12]. F'kull każ, dwar faċilita` ta' *overdraft* jgħoddu, kif ingħad, prattiċi bankarji li jikkostitwixxu użu tal-kummerċ[13] u d-dispożizzjonijiet ta' liġijiet partikolari li jistabbilixxu r-rati ta' mgħax[14]. Tassew, minħabba li tali prattiċi jistgħu jnisslu periklu ta' teħid ta' mgħax f'rati jew ammont ogħla bi ksur ta' l-ordni pubbliku u tar-regoli kontra l-anatoċiżmu, id-deroga li tingħata għat-tħaddim ta' faċilita` bħal din għandha tkun imfissra b'mod ristrett[15];

26. Illi, għalhekk, hija r-regola nnifisha li wkoll tippermetti eċċezzjonijiet, bħal ma jkun il-każ ta' użu kummerċjali jew fejn il-liġi nnifisha tippermetti l-imgħaxijiet bħala d-danni li jitnisslu mid-dewmien ta' twettiq ta' obbligazzjoni li jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata[16]. F'każ bħal dan, jitqies li ma jkunx xieraq li d-debitur jieħu vantaġġ min-nuqqas tiegħu li jwettaq l-obbligazzjoni[17] u jinqeda bil-proċeduri meħudin kontrih quddiem qorti biex jinqeda bihom bi skuża għaldaqshekk[18];

---

[12] Ara art. 1855A tal-Kap 16

[13] P.A. **30.4.1947** fil-kawża fl-ismijiet ***Vassallo noe v. Ballucci*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.64**)

[14] Art. 33 tal-Kap 204

[15] App. Ċiv. **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar noe v. Farruġia noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXVI.ii.192**)

[16] Art. 1139 tal-Kap 16

[17] App. Kumm. **20.7.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Penza v. Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.205**)

[18] P.A. LFS **10.12.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Bank of Valletta p.l.c. v. Francis Beżżina Wettinger*** (mhix appellata)

27. Illi, madankollu, dawn il-karatteristiċi tal-faċilita` tal-*overdraft* jibqgħu jseħħu sakemm il-faċilita` tkun għadha miexja u fis-seħħ. Hekk kif dik il-faċilita` titwaqqaf, l-obbligazzjoni tinbidel[19] u l-imgħax jibqa' għaddej u jrid jinħadem bis-sistema mħaddem fl-obbligazzjonijiet li dwarhom jgħoddu r-regoli tal-imgħax (u tal-imgħax fuq l-imgħax) maħsuba fil-Kodiċi Ċivili u mhux aktar dawk imħaddmin mill-użu kummerċjali jew mill-prattiċi bankarji. "*Dan iseħħ għax darba li l-faċilita` tiġi terminata, is-somma dovuta tiġi determinata, u bħal obbligazzjoni li ghandha bħala oġġett tagħha il-ħlas ta' somma determinata, ma jistax jintalab imgħax fuq imgħax jekk mhux kif kontemplat fl-artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili*"[20];

28. Illi dawn il-konsiderazzjonijiet għandhom impatt sħiħ fuq il-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum. Mill-atti jirriżulta li fuq l-ammont ta' mija u sebgħin elf Lira Maltin (Lm170,000) li jirrappreżenta s-somma sħiħa mogħtija lil TBC fil-faċilitajiet bankarji fuq imsemmija, inħadem mgħax sempliċi li, bi ftehim bejn l-appellant u TBC, kellu jitħallas mill-faċilita` tal-*overdraft*[21]. Sa dakinhar tal-'*call in*' kien hemm bilanċ x'jitħallas favur l-appellant fl-ammont ta' ħamsa u sittin elf, sitt mija u tnejn u sebgħin Liri Maltin (Lm65,672)[22];

---

[19] App. Ċiv. **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Bank of Valletta Ltd v. Anna's Trading Co Ltd et*** (Kollez. Vol: **LXXXVI.ii.159**)
[20] P.A. TM **3.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Reno Borġ noe et v. Joseph Borġ et noe et*** (mhux appellata)
[21] Ara x-xhieda ta' Brian Baldacchino f'paġ. 606 tal-proċess (Vol. 3)
[22] Paġ 594 tal-proċess (Vol. 3)

29. Illi mal-'*call in*' f'Jannar tal-1987, l-appellant waqqaf it-tħaddim tal-faċilita` tal-*overdraft* u l-imgħax sempliċi beda jinġema' fil-faċilita` ta' self (*loan*)[23]. L-imgħax twaħħad mal-kapital, u fuqu beda jimxi imgħax sempliċi[24]. Jidher għaldaqstant li l-appellant ħaddem ir-regoli u l-prinċipji fuq imsemmija mid-data tal-'*call in*' 'il quddiem kif imiss, u l-Qorti tara li ma hemm xejn x'tista' tiċċensura f'dan kollu;

30. Illi jirriżulta li wara s-sejħa għall-ħlas u l-għeluq tal-faċilita` tal-*overdraft* saru tliet (3) ħlasijiet sostanzjali fil-faċilita` tas-self (*loan*), u sat-3 ta' Lulju, 2009, kien baqa' bilanċ favur l-appellant fl-ammont ta' tlieta u ħamsin elf, tmien mija u sebgħin ewro (€53,870)[25]. Ma' dak l-ammont irid ikompli jiżdied l-imgħax sempliċi;

31. Illi l-kwestjoni madankollu hi jekk, fit-tħaddim tal-kont ta' TBC, il-bank appellant kienx wasal biex talab ħlas ta' mgħax li kien jisboq il-kapital dovut u b'hekk jekk kisirx ir-regola tal-'*ultra duplum*'. Il-Qorti hija tal-fehma li, qabel xejn, fejn dejn ma huwiex dovut *officio judicis* jintlaqat bir-regola *ultra duplum*[26]. L-appellant jargumenta li, minkejja dan, it-tħaddim tal-imsemmija regola tgħodd biss fejn jidħlu obbligazzjonijiet ta'

[23] Ara x-xhieda ta' Brian Baldacchino f'paġ. 551 tal-proċess (Vol. 3)
[24] *Ibid* f'paġġ 551 u 603 tal-proċess.
[25] Ibid Dok. ""BB8" f'paġġ. 565 u 566 Vol. 3 tal-proċess
[26] App. Ċiv. **30.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Bank of Valletta p.l.c. v. Carmelo Farrugia Melfar Ltd.*** § 13

xejra ċivili u mhux dawk kummerċjali. Iżid jgħid li żgur li l-imsemmija regola ma tgħoddx fil-qasam ta' obbligazzjonijiet bankarji;

32. Illi f'dan il-każ, il-Qorti tagħraf li r-regola fuq imsemmija hija waħda ġenerali li għaliha, sa minn żmien ilu, kienu milqugħa xi eċċezzjonijiet li wħud minnhom, saħansitra, kienu jqisu li dik ir-regola ma ssibx postha fl-ordinament legali Malti. Dan l-għarfien ħareġ ukoll f'sentenzi mogħtijin mill-Qrati tagħna u li kemm l-appellant u kif ukoll FEL isemmu fl-atti mressqa minnhom. Ma hemm l-ebda dubju li sallum ma ngħatat l-ebda sentenza f'dan il-każ li tgħid li TBC hija debitriċi tal-appellant. Madankollu, l-appellant jgħid li lanqas ma hemm dubju li hemm "litiġju" li matulu l-imgħax li jinġema' ma jinqabadx bir-regola msemmija. Lanqas ma hemm dubju li l-kreditu pretiż mill-appellant joħroġ minn attivita` kummerċjali, anzi bankarja;

33. Illi l-liġi[27] llum tagħraf espressament li, fejn jidħlu obbligazzjonijiet li joriġinaw minn negozji finanzjarji, ir-regola tal-"*ultra duplum*" ma tgħoddx. Fit-tifsira mogħtija mil-liġi "transazzjoni finanzjarja" tgħodd fiha self u "*overdraft*"[28]. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-imsemmija dispożizzjonijiet jiċċaraw qagħda legali li kienet diġa` magħrufa taħt l-użanzi tal-kummerċ f'Malta u mhux joħolqu norma ġdida li timla vojt li dwaru l-liġi kienet

[27] Ir-Regolamenti dwar Eżenzjoni mir-Rata ta' Mgħax (A.L. 142/09, L.S. 16.06) kif emendati
[28] Reg. 2 tal-A.L. 142/09

siekta[29]. Minħabba f'hekk, din il-Qorti ssib li l-ewwel Qorti ma qalitx sewwa meta qieset li l-prinċipju tal-"*ultra duplum*" kien jolqot ir-rabta kummerċjali bejn TBC u l-appellant. Wisq aktar, għalhekk, ma taqbilx mal-ewwel Qorti li tgħid li d-dispożizzjonijiet tal-liġi li daħlu fis-seħħ fl-2009 ma kinux jgħoddu għall-każ minħabba li l-ħlasijiet imwettqa minn jew f'isem TBC lill-appellant saru qabel mal-liġi daħlet fis-seħħ. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mal-argument tal-appellant li, f'kull każ, l-aħħar ħlas li sar lilu kien wara li l-imsemmija dispożizzjonijiet kienu daħlu fis-seħħ;

34. Illi għaldaqstant l-ewwel u t-tieni aggravji tal-appellant għandhom mis-sewwa u jistħoqqilhom jintlaqgħu;

35. Illi dwar **it-tielet aggravju**, l-appellanti tgħid li l-ewwel Qorti kienet mitluba li tagħti ġudizzju biss fuq jekk il-bank appellant hux kreditur jew le, u għaldaqstant il-parti tas-sentenza appellata fejn il-Qorti daħlet f'kunsiderazzjonijiet dwar il-preskrizzjoni għandha titħassar;

36. Illi FEL twarrab dan l-aggravju u tgħid li kien mistenni mill-ewwel Qorti li tqis l-aspett tal-preskrizzjoni biex setgħet tasal għall-fehma jekk il-Bank appellant huwiex kreditur jew debitur;

[29] Ara r-reg 7 tal-A.L. 142/09

37. Illi mill-atti jirriżulta li l-ewwel Qorti kellha tiddeċiedi jekk l-appellant huwiex kreditur ta' TBC, u fi kwalunkwe każ tiddeċiedi l-ammont[30]. Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti għamlet tagħha l-osservazzjonijiet magħmula mill-istralċjarju ta' dak iż-żmien[31] dwar jekk l-preskrizzjoni sollevata mill-appellant għall-pretensjoni tal-intimati (dik li l-appellant mhux talli mhux kreditur ta' TBC, imma li saħansitra huwa debitur għaliex tħallas aktar minn kemm kellu jitħallas) hijiex minnha jew le. Il-Qorti żżid tgħid ukoll li l-kwestjoni tal-preskrizzjoni kienet imqajma u trattata mill-partijiet fis-sottomissjonijiet tagħhom quddiem l-ewwel Qorti saħansitra meta tat id-direttiva li kellha tagħti sentenza dwar jekk TBC kinitx debitriċi tal-bank appellant;

38. Illi ladarba l-ewwel Qorti kienet mistennija li tiddeċiedi jekk hux minnu li l-bank appellant huwiex kreditur jew le u, jekk inhu kreditur, x'inhu l-ammont lilu dovut, il-kwestjoni tal-preskrizzjoni kienet determinanti biex l-ewwel Qorti tasal li tikkwantifika l-ammonti dovuti. Jidher iżda li l-ewwel Qorti ma daħletx fil-mertu tal-kwantifikazzjoni u ħalliet li din tiġi deċiża fi stadju ulterjuri, skond kif jirregolaw ruħhom il-partijiet mid-deċiżjoni tagħha;

[30] Ara l-verbal tat-3.2.1987 f'paġ. 1344 tal-proċess (Vol. 5)
[31] Nota ta' Osservazzjonijiet tal-Istralċjarju Dr Louis Cassar Puliċino f'paġġ. 1386 sa 1388 tal-proċess (Vol. 5)

39. Illi għaldaqstant limitatament dwar jekk il-pretensjoni tal-appellati hijiex preskritta, u mingħajr ma tidhol fil-kwestjoni ta' x'ammont huwa effettivament dovut, il-Qorti tqis li l-pendenza ta' azzjoni żgur li tissospendi l-preskrizzjoni tad-drittijiet reċiproċi pretiżi f'dawn il-proċeduri (bil-kondizzjonijiet imsemmija fl-Art. 2132 Kod. Ċiv.), għalkemm irid jingħad li s-sospensjoni tgħodd biss għal-dawk id-drittijiet, u mhux ukoll għal drittijiet oħra li ma humiex parti mill-meritu tal-kawża[32];

40. Illi dan iwassal lill-Qorti biex tqis li t-tielet aggravju m'għandux mis-sewwa u għaldaqstant sejra tiċħdu;

***Deċide:***

41. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-appell** tal-Bank rikorrent limitatament fir-rigward tal-ewwel żewġ aggravji tiegħu u għalhekk tħassar is-sentenza appellata tal-4 ta' Ottubru, 2017, fil-kawża fl-ismijiet premessi limitatament fir-rigward tal-ħames (5) u tas-sitt (6) konklużjonijiet imsemmija fil-parti dispożittiva tagħha u safejn sabet li l-bank appellant ma huwiex kreditur tal-kumpanija intimata Tal-Barrani Company Limited, u tikkonfermaha fil-bqija;

[32] App. Civ. **29.4.2016**, fil-kawża fl-ismijiet ***Avv. Peter Fenech noe et v. Dipartiment tal-Kuntratti***

**Tordna** li l-atti tal-kawża jintbagħtu mill-ġdid lura lill-ewwel Qorti biex tiddisponi mill-proċeduri li fadal skond dan li ssemma qabel; u

**Tordna** li l-**ispejjeż ta' dan l-appell** jitħallsu mill-kumpanija appellata Fenech Estates Company Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Joseph R Micallef | Tonio Mallia |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr